MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 31/2002

Rikors Nru: 31/2002

Kummissarju ta' l-Art

vs

Tereza Busuttil u b'digriet tas-17 ta' Gunju 1999 l-atti ghaddew fuq il-persuni ta' Alfred armel ta' Tereza Busuttil, Fr Carmel, George, Joseph u Pauline mart Joseph Borg, bhala ahwa Busuttil kollettivament stante il-mewt ta' Teresa Busuttil

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Art ipprezentat fit-22 ta' Ottubru 2002 fejn espona:

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 11 ta' Novembru, 1994 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Birkirkara, tal-

kejl ta’ 174 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma’ proprjeta’ ta’ Tereza Busuttil, mill-Punent ma’ proprjeta’ ta’ Dolores Camilleri, u mix-Xlokk ma’ proprjeta’ tal-Kurja tal-Arcisqof indikata bhala item 3D fir-rapport tal-Perit O Caruana Montaldo tal-24 ta’ Jannar 1994 u plot 3D fil-pjanta LD 193A/90/A li estratt u kopja taghhom rispettivament huma annessi mal-Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tal-1 ta’ Dicembru, 1994 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert.

Illi b’Cedola ta’ Depozitu pprezentata fis-16 ta’ Frar 1995 gie depozitat il-kumpens offert ta’ sitta u hamsin Lira Maltin (Lm56) ghall-bicca art fuq deskritta u dan a terminu ta’ l-artikolu 22(4) tal-Kap 88.

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimata milli tkompli tikkontesta quddiem il-Bord l-ammont offert lilha liema ammont pero’ r-rikorrenti jikkonferma li ghandu jqisu gust u skond il-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna li dan il-Bord jiffissa l-kumpens relattiv ghall-art imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta pprezentata mill-intimata fit-30 ta’ Jannar 2003 fejn esponiet:

Illi l-kumpens offert mill-esponent qieghed in kontestazzjoni stante illi l-intimat ma tqieshux bhala adegwat;

Ghaldaqstant, l-intimata titlob bir-rispett illi dan il-Bord jiffissa l-kumpens xieraq ghall-artijiet in kwistjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Ikkkunsidra:

1. Il-perit Oscar Attard Montalto xehed bil-gurament u kkonferma l-istima tieghu fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2002 quddiem l-assistent gudizzjarju Dottor Anthony Ellul u kkawlifika l-art bhala agrikola. Taha stima ta' Lm56.

2. Il-perit Emanuel sive Mannie Galea ghamel affidavit li gie prezentat fit-30 ta' Mejju 2005. Ta stima fl-ammont ta' Lm13.920.

3. Bhala periti teknici l-Bord hatar lill-AIC Godfrey Vella u l-AIC Michael Refalo li kkwalifikaw l-art bhala agrikola u ssottomettew li l-kumpens ghandu jkun ta' Lm30-il metru kwadru, b'kollox Lm5220. Il-Bord jaghmel ir-relazzjoni tieghu u din ghandha tkun parti shiha minn din is-sentenza.

4. Ghalhekk il-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jghaddulu b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka bicca art f'Birkirkara ta' 174 m.k. li tmiss mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Tereza Busuttil, mill-Punent ma' proprjeta' ta' Doris Camilleri, u mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-Kurja tal-Arcisqof kif indikata fil-pjanta esbita bil-kumpens ta' Lm5220.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika l-att mehtieg, nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu, 2007 fil-11:00a.m. fl-ufficju tar-rikorrent; jahtar lil-Avukat Dottor Guido Pace Spadaro biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci, b'liema hatra ghandu jigi mgharraf mir-rikorrent bil-miktub.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord; billi c-cedola ta' depozitu gie depozitat mir-

rikorrent taht l-awtorita’ tal-Qorti l-ammont ta’ Lm56 il-Bord jordna li dan jigi zbankat skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------